Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 297/2015

Il-Pulizja

Spettur Angelo Gafa

Vs

Omissis

Patrick Meli

Omissis

Omissis

Omissis

Illum 28 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Omissis, Patrick Meli, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 142466M, Omissis u Omissis, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar l-Erbgha, 14 ta' Mejju, 2004 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-hwienet 'Misto', u/jew 'Zero Two', f'Baystreet Complex, fil-bajja ta' San Giljan, San Giljan, iffalsifikaw jew biddlu, minghajr il-kunssn tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta'

industrija, jew xjentement ghamlu uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati, jew mbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid.

U aktar talli fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, ghamlu uzu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella, jew emblem, li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghew merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema;

U aktar talli fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, xjenetement qeghdu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammew ghandhom ghall-bejgh jew importaw ghall hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq;

U aktar talli fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, bil-ghan li jiehdu vantagg ghalihom infushom jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb illi jikkagunaw telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, bieghew jew krew, offrew jew esponew ghall-bejgh jew kiri, jew qassmu oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkjettar taghhom kellu fuau, sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma' trademark registrata;

U aktar talli b'hekk, omissis kiser il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 (illum Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta meta kkommetta reat wara li nghata sentenza fejn gie lliberat taht kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien sentejn (2), liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), fis-26 ta' Settembru, 2002.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-28 ta' Mejju, 2015, fejn il-Qorti sabet lill-akkuzati kollha hatja tal-akkuzi migjuba kotnra taghhom u dana wara li rat l-artikoli 298 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 72(1)(b) tal-Kaptiolu 416 tal-Ligijiet ta' Malta. Dwar il-piena rat ukoll l-artikolu 18 u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieset ukoll is-sentenza esebita fil-konfront ta' ommissi li giet moghtija fis-26 ta' Settembru, 2002; rat illi fiha huwa kien gei liberat bil-kundizzjoni ta' sentejn (2) skond l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta; rat illi ghalhekk, in kwantu ghad-data ta' dawn l-akkuzi hu kiser tali kundizzjoni. Qieset ukoll il-fedini penali esebiti, kollha netti ghajr ta' omissis, ghaldaqstant, anke wara li rat l-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

ikkundannat lil omissis, omissis u Patrick Meli ghal multa ta' Elfejn Ewro (€2000) kull wiehed, u bl-applikazzjoni tal-Artikou 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberhom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett (3) snin m'illum.

Min-naha l-ohra, ghalkemm il-Qorti kienet lesta biex lil omissis ma timponix fuqu piena karcerarja effettiva, wara anke li rat l-Artikoli 9 u 10 tal-Kap 152 (illum imhassar) u r-reat li issa gew decizi u li taghhom kif premess instab hati applikat kontra tieghu zewg liberazzjoni kundizzjonata wkoll ghal tlett (3) u dan wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 10 tal-Kapitolu 152 tal_ligjiet ta' Malta, pero' dwar il-multa, ghax deher li hu ma biddel xejn mill-modus operandi tieghu u kkundannatu ghar-reati li ghalihom gie issa kkundanat u dan konsiderando dak stabbilit fil-Kapitolu 416 Artikolu 74, ghal multa ta' sitt elef Ewro (€6000).

Tordna d-distruzzjoji tal-oggetti kollha ezebiti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appell ta' Patrick Meli, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Gunju, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara s-sentenza appellata nulla ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi ghar-ragunijiet moghtija, jew f'kaz li dak l-aggravju ma jintlaqax, li tillibera lill-appellant minn kull htija jew piena ghar-ragunijiet moghtija, filwaqt li fiz-zewg kazijiet tirrevoka s-sentenza appellata.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Patrick Meli huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-ewwel nett is-sentenza in kwantu ghall-mod kif applikat il-piena hija nulla.

Illi fil-parti tas-sentenza fejn l-appellant inghata il-piena kif fuq imsemmi l-Ewwel Onorabbli Qoti sabet htija fir-rigward tal-akkuzi kollha, u filwaqt li applikat il-piena

ta' multa allura fil-konfront ta' l-akkuzi kollha, illbieratu minnhom allura kollha bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta kif intqal fuq.

Din, bir-rispett hija kontradizzjoni li ma tistax treggi validament skond il-ligi.

Illi minghajr pregudizzju, fil-mertu, l-Ewwel Onorabbli Qorti bbazat il-htija tal-appellant, fejn skartat il-linja tad-difiza tieghu li ma kellu l-ebda sehem fil-gestjoni tal-hanut in kwistjoni, a bazi tal-applikazzjoni tal-Artikolu 13 tal-Kapitolu 249, l-Att dwar l-Interpretazzjoni. Dan l-artikolu jipprovdi sabiex fejn att jitqies li sar minn korp, inkorporat jew mhux inkorporat, ir-responsabbilita' ta' dak l-att ghandu jitqies li huwa ta' dawk il-persuni li ghandhom ir-raprezentazna skond il-ligi ta' dak l-istess korp ossia entita' legali.

Illi l-ewwel nett l-appellant ma giex akkuzat fil-kwalita' tieghu ta' direttur tal-kumpanija li huwa kien jirraprezenta fiz-zmien tal-kaz in ezami, izda gie akkuzat fil-kwalita' tieghu personali, u allura jista' jitqies li jirrispondi biss ghal agir li huwa teighu, u mhux dak li jinghata lilu bhala ufficjal ta' kumpanija li b'xi mod tista' titqies responsabbli ghall-atti kriminuzi rapprezentati fl-akkuzi.

Illi l-akkuzi kollha li ngiebu fil-konfront tal-appellant fin-natura taghhom, jirrikjedu li jigi pruvat sehem attiv mill-akkuzat fit-twettiq tal-att kriminuz, fejn tintuza l-kelma 'xjentement' sabiex l-aspett intenzjonali jintwera b'mod mill-aktar emfatiku li jrid jigi pruvat.

Dan l-aspett intenzjonali zgur li ma gie pruvat b'ebda mod fil-konfront tal-appellant.

Illi ghalhekk huwa car li din mhix xi responsabbilita' statutorja li trid tigi ppruvata fil-konfront tal-appellant fil-kwalita' teighu rappresentattiva, izda kellu jig ppruvat li huwa kellu sehem attiv personalment fit-twettiq tal-akkuzi kollha li ngiebu kontra tieghu.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-appellant personalment, irrizulta bl-aktar mod car li hwua ma kellu l-ebda sehem fil-gestjonital-hanut mikri lill-kumpanija li taghha kien direttur, u wisq inqas sehem kif akkuzat fil-konfront tal-oggetti li instabu fil-hanut,

la fix-xiri jew fl-importazzjoni taghhom, la fil-bejgh taghhom u ghalhekk lanqas fl-isfruttar tal-falsita' taghhom.

Ikkunsidrat,

Illi sorvolata l-ewwel impunjattiva intentata mill-appellanti u dan bid-decizjoni ta' din il-Qorti tal-25 ta' Frar 2016, jifdal ghalhekk biex jigu trattati l-aggravvji fil-mertu. L-appellanti jilmenta illi huwa qatt ma seta jinsab responsabbli personalment ghar-reati lilu addebitati fl-akkuza billi kif johrog mid-decizjoni impunjata instabet htija fil-konfront tieghu fil-vesti tieghu bhala direttur tas-socjeta CFS limited u dan b'applikazzjoni tal-artikolu 13 ta'l-Att dwar l-Interpretazzjoni.

Illi minn harsa lejn ic-citazzjoni jew it-tahrika li inharrget mill-pulizija Ezekuttiva fil-konfront ta'l-appellanti imkien ma tissemma din is-socjeta li taghha l-appellanti hwua rapprezentant, bl-appellanti jigi imharrek fil-vesti tieghu personali.

Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

"*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.*"

Issa huwa indubitat illi t-tahrika mahruga fil-konfront ta'l-appellanti tindika l-partikolarijiet tieghu korrettament sabiex b'hekk ma hemm l-ebda dubbju dwar l-identita tieghu. Lanqas ma hemm dubbju dwar in-natura tar-reat jew reati li jinsab akkuzat bihom fl-imsemmija tahrika, reati marbuta mal-qerq fil-kummerc. Jirrizulta izda illi dawn ir-reati gewx addebitati lilu bhala rapprezentant ta' korp guridiku ghalkemm johrog mill-provi illi ma kienx hu li fizikament ikkometta r-reati mertu tal-kaz, izda l-ko-akkuzat Walter Zammit li jidher li kien imexxi u jiggestixxi il-hanut Misto, appartenenti lis-socjeta CFS Limited. Issa l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha stqarret verbatim illi "***bl-applikazzjoni ta'l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta, kull ko-imputat kien u huwa responsabbli tal-oggetti li kienu qed jigu***

***importortati u mibjugha.*"** Tant illi imbaghad kompliet illi kien jimkobli fuq l-appellanti allura li jipprova, fit-termini ta'l-imsemmija disposizzjoni tal-ligi, illi huwa kien ezercita d-diligenza kollha xierqa fl-operat tieghu biex jigi evitat l-kummissjoni tar-reat.

Illi dwar ir-responsabbilta vikarja jitkellem l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:

**"Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-egħmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat."**

Dan ifisser allura illi ir-responsabbilta' kriminali hija wahda personali u mhux wahda rapprezentattiva jew nomine kif inhi fil-kamp civili. Ghalhekk kuntrarjament ghal dak li jikkontendi l-appellanti ma hemmx ghalfejn li jigi iccitat fil-vesti ta' direttur jew in rapprezentanza ta' xi socjeta' kummercjali. Bizzejjed li jigi citat b' mod car ghal dak li jirrigwarda l-konnotati tieghu personali w li mill-korp tal-akkuza jkun jidher car li qed jigi mharrek jew akkuzat minnhabba r-responsabbilta' vikarja tieghu bhala ufficjal/direttur tal-korp. Dak li irid jirrizulta mill-provi, izda hu li fil-fatt huwa kien id-direttur, jew ufficjal tal-korp bhal ma hija socjeta' kummercjali li tiggestixxi l-post fejn ikun sar ir-reat u li huwa allura qed jigi akkuzat ghal din ir-raguni.

Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta (Onor. Prim' Imhallef Emeritus Dr. V. De Gaetano) fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Bonnici [26.5.1995]:-

*"Meta persuna tigi biex twiegeb ghar-reat kommess minn ghaqda jew korp ta' persuni in forza ta' l-artikolu 322 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija jew in forza ta' l-artikolu 13 ta' l-*

*Att dwar l-Interpretazzjoni [Kap.249], it-tahrika ghandha tohrog kontra d-direttur, manager, ecc. f' ismu personalment, fis-sens li hu personalment irid iwiegeb ghall-akkuza, u f' kaz ta' sejbien ta' htija u imposizzjoni ta' piena, tali piena, sia jekk pekunjarja sia jekk restrittiva tal-liberta' personali, tigi inflitta fuqu u tigi skontata minnu."*

**Izda**:

*"….meta l-prosekuzzjoni tkun qed tipotizza, kontra tali direttur, manager jew segretarju, reat kommess minn ghaqda jew korp, u li ghalih hu jrid iwiegeb personalment,* ***fl-imputazzjoni jew fl-akkuza*** *– mhux fl-isem tal-imputat jew akkuzat, cioe' mhux fl-okkju tal-kawza –* ***ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi imsejjah biex iwiegeb ghal reat kommess mill-korp jew ghaqda: cioe' ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi mharrek jew akkuzat minhabba r-responsabilta' vikarja tieghu****. Jekk mhux ghal xi haga ohra, tali indkazzjoni hi mehtiega sabiex l-imputat jew l-akkuzat ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu.*[1]"

Issa dan ifisser allura illi l-appellanti gustament gie imharrek fil-vesti tieghu personali u ma kienx hemm ghalfejn, kif jikkontendi fl-aggravju minnu intentat illi jigi akkuzat fil-kwalita tieghu bhala diretttur ta' socjeta kummercjali. Dan ghaliex bhala ufficjal tal-kumpanija huwa iwegeb personalment ghal kull nuqqas ta' dik il-kumpanija sakemm ma jippruvax illi hwua ezercita id-diligenza kollha biex jigi evitat dak ir-reat. Illi allura x-xjenza li jaghmel referenza ghaliha l-appellanti f'dan il-gravam u li allura huwa ighid li kienet nieqsa billi ma kienx hu personalment li wettaq ir-reat jisfuma fix-xejn billi dak li kellu jipprova huwa l-ezercizzju tad-diligenza u sorveljanza mehtiega minn kull ufficjal ta' korp maghqud fil-gestjoni tan-negozju ta' dik is-socjeta sabiex b'hekk seta jevita l-kummissjoni ta' dawn i-reati, haga li jidher car u tond li ma ghamilx billi jistqarr huwa stess illi ma kellu l-ebda dehem attiv fil-gestjoni ta' dan in-negozju ta' importazzjoni u bejgh ta' l-oggetti b'marki foloz. Ighid hekk verbatim fir-rikros tieghu ta'l-appell:

[1] App. Inf. Il-Pulizija vs Patrick Vella – deciza 31/08/2006

"ghal dak li jirrigwarda l-appellant personalment, irrisulta bl-iktar mod car li huwa ma kellu l-ebda sehem fil-gestjoni tal-hanut mikri lill-kumpanija lli taghha kien direttur, u wisq anqas sehem …la fix-xiri jew l-importazzjoni taghhom u la fil-bejgh taghhom."

Dan ifisser allura illi bhala ufficjal ta' socjeta kummercjali li kienet tiggestixxi n-negozju ta' hanut bl-isem "Misto" huwa kien injar ghal kollox ta' dak li kien qed jigri fil-gestjoni ta' l-imsemmi hanut, responsabbilta li kienet tinkombi fuqu fil-vetsi tieghu ta' direttur li kellu jezercita sorveljanza u diligenza kontinwa sabiex jara illi l-operat ta' dak il-hanut ikun wiehed konformi mal-ligi, haga li evidententement naqas milli jaghmel.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u id-decizjoni appellata ikkonfermata fil-konfront tieghu.

(ft)Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur